MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 451/2012

Appell numru 451/2012

Il-Pulizija

versus

Donald Camilleri

Illum 2 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Jesmond Sciberras, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 137179M talli:

1. Fit-18 ta' Novembru, 2006, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fi stabbiliment f'San Pawl il-Bahar, zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali, bi ksur tal-Artikoli (1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet, u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda, jew appartament privat, halla jew ippermetta li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom, jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet, u cirkostanzi, bhal sid jew bhala l-persuna li kellu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor, li xjentement ta b'kiri jew ippermetta l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, bhala operatur ta' attivitajiet turistici, halla l-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-Ligi jew il-moralita' pubblika, u dan bi ksur tal-A. L. 128/2002.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru, 2012, fejn il-Qorti illiberat lill-imsemmi Donald Camilleri mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu. l-imputat.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Donald Camilleri ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u teroga l-piena komplessiva kontrih skond il-Liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fit-2 ta' Ottubru 2012, l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l- artikolu 413(1)(b)(iv) u (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi, kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi. Mill-assjem tal-provi prodotti, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx leġittimament u raġonevolment tasal għal tali konklużjoni għar-raġunijiet segwenti:

**(i)** *Innanzitutto* jirriżulta li l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lil Donald Camilleri mill-ewwel erba' akkużi meta warrbet l-istqarrija mogħtija minnu mingħajr l-assistenza ta' avukat, u dan sabiex l-ewwel Qorti tkun *in linea* ma' żviluppi kostituzzjonali.

Il-Liġi Maltija, fil-Kodiċi Kriminali, tipprovdi regola sempliċi u sagrosanta li tgħid–

> *658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu <u>volontarjament</u> u <u>ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi</u>.*

Bid-dovut rigward, dan l-artikolu għadu jinsab fil-Kodiċi Kriminali Malti u s'issa ma ġiex dikjarat inkostituzzjonali. L-enfażi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma' min u fejn magħmula, dment li tkun magħmula skond dan l-artikolu, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha.

Is-sentenza *Salduz v Turkey*[1] mill-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, dik ta' Pullicino[2] u ta' Privitera[3] qajmu furur fil-Qrati Maltin tant li bid-dovut rispett, l-esponent jemmen li bosta mill-Qrati tagħna warrbu l-istqarrijiet mingħajr ma għamlu apprezzament akkurat tal-partikolaritajiet ta' kull każ.

Tajjeb, għalhekk li wieħed janalizza d-differenzi bejn il-każ odjern u l-każi ta' *Salduz v Turkey, Pullicino* u *Privitera* li ntużaw bħala *yardstick* sabiex il-Qrati Maltin jassiguraw li d-dritt fundamentali tas-smiegħ xieraq jiġi osservat.

Fil-każ odjern l-imputat appellat għamel konfessjoni liberament. Kien ben konsapevoli minn dak li kien qed jagħmel, ma kienx minorenni, indifiż u vulnerabbli bħalma kienu Yusuf Salduz, Esron Pullicino u Alvin Privitera. It-tfajjel Yusuf Salduz kien trattat b'mod ħażin waqt l-interogazzjoni u kien imġiegħel jirillaxxa stqarrija f'kuntest ta' reati ta' natura politika b'konnessjoni terroristika.

L-ewwel Onorabbli Qorti fil-każ odjern skartat kompletament l-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellat, in kwantu li setgħet kienet vjolattiva tad-drittijiet tal-bniedem. Bil-fatt li ma sfilzatiex iżda warbittha, il-Qorti rrenditha xhieda inammissibli – mingħajr ma qieset li, l-imputat appellat *di sua sponte volontà* wara li ngħata it-twissija mill-Pulizija li jista' jagħżel li jibqa' sieket, iddeċida bir-rieda ħielsa tiegħu li jirrellata l-verżjoni tiegħu tal-fatti. A fol. 39 l-ispettur Louise Calleja tghid li lil Donald Camilleri tagħtu

[1] *Salduz v Turkey* [2008] ECtHR 36391/02.
[2] *Il-Pulizija v Esron Pullicino,* [2011] Qorti Kostituzzjonali, Rik. 63/2009.
[3] *Il-Pulizija v Alvin Privitera* [2011] Qorti Kostituzzjonali, Rik. 20/2009.

twissija u qaltlu li ma kienx obbligat jitkellem. Li kieku, meta ma ngħatax parir legali, baqa' sieket, ma kienetx se tiskatta ebda inferenza. Iżda, hu għażel li jitkellem.

Ifisser bifors li allura din il-konfessjoni kienet magħmula kontra l-Liġi ?; kienet tmur kontra d-drittijiet ta' smiegħ xieraq ?; kienet għalhekk inammissibbli jew skartabbli bħala prova ?

L-esponent jissottometti bir-rispett illi ċertament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali *qatt* ma qalet li jekk persuna ma kienetx assistita minn avukat waqt l-interogazzjoni allura *bilfors* hemm leżjoni ta' smiegħ xieraq, għaliex huwa wkoll prinċipju tal-istess Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li qorti m'għandix tħares biss lejn proċedura waħda in isolazzjoni imma għandha tikkunsidra t-totalita' tal-provi u proċeduri penali biex jiġi assigurat li l-artiklu 6, hekk kif sanċit fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ikun osservat.

Fis-sentenza *Al-Khawaja and Tahery v The United Kingdom*[4], li ngħatat tlett snin wara li ngħatat dik ta' Salduz, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-formazzjoni tal-*Grand Chamber* ma sabet l-ebda leżjoni tal-artikolu 6 meta stqarrija ġiet ammessa f'ġuri. Din il-qorti fl-għola formazzjoni tagħha sostniet li stqarrija ma tistax tittieħed f'iżolament u titqies bħala l-binarju konklussiv ta' ġuri nġust; l-istqarrija hija biss fattur importanti fuq il-bilanċ tal-provi flimkien ma' salvagwardji proċedurali oħra.

Fis-sentenza *Doorson v The Netherlands*[5], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tgħid li l-ammissibbiltà ta' evidenza tibqa' primarjament kwistjoni ta' liġi domestika.

Aktar sinifikanti minn hekk, huwa l-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija fil-kawża *Charles Steven Muscat v Avukat Ġenerali*

[4] *Al-Khawaja and Tahery v The United Kingdom* [2011] 26766/05, 22228/06.
[5] *Doorson v The Netherlands* [1996] 20524/92.

deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali (*per* Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imħallef Noel Cuschieri u Onor. Imħallef Joseph Żammit McKeon) fit-8 ta' Ottubru 2012. Hawn il-Qorti ma sabet ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u sostniet:

> *'Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta` sħiħa. Ma hemm ebda xhieda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta` fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni.*

> *Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx iqiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberalment'.*

Illi huwa minnu li din is-sentenza ingħatat *wara* s-sentenza li qed tiġi appellata odjernament pero` jibqa' l-fatt li din is-sentenza tikkristallizża l-fuq espost.

Fil-każ odjern, il-verbal a fol. 50 datat 9 ta' Ġunju 2010, jgħid li d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni mix-xhieda dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija ta' l-imputat. Li kieku d-difiża kellha xi dubju mill-volontarjeta' ta' tali stqarrija, żgur li ma kienetx se teżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tagħha biex tkun tista' tagħmlilhom kontro-eżami. Inoltre, Charles Steven Muscat, l-istess bħal l-appellat Donald Camilleri huwa maġġorreni u ma setax jitqiegħed fl-istess keffa ta' Pullicino u Privitera. B'hekk l-esponent isostni li l-istqarrija tal-appellat Camilleri qatt ma kellha tiġi skartata, u tali affermazzjoni llum għandha s-sostenn ta' sentenza Kostituzzjonali riċentissima.

F'dan il-każ l-istqarrija preżentata ma kienetx l-unika prova li ġiet prodotta kontra l-imputat appellat Donald Camilleri. B'hekk tali stqarrija kellha tiġi meħuda fl-isfond tal-proċess kriminali kollu. Jibqa' l-fatt li mill-provi prodotti, inkluża l-imsemmija stqarrija, joħroġ ċar li Donald Camilleri huwa Managing Director kif hu stess jiddikjara a fol. 8 tal-proċess meta sar l-eżami tal-imputat, u kif fil-fatt joħroġ mill-istqarrija a fol. 42, huwa d-direttur tal-kumpanija RDVM Co Ltd, u jmexxi l-Club *Secrets*. Joħroġ ukoll mill-provi li l-istess Donald Camilleri mhux illiċenzjat mal-MTA kif jirriżulta minn fol. 22 tal-proċess.

**(ii)** Illi aggravju ieħor jipperna fuq il-fatt li minn qari tas-sentenza appellata, jidher ċar li l-esponent umilment jgħid li minn qari tas-sentenza, l-Ewwel Onorabbli Qorti rritjeniet li ma nġabet l-ebda prova ammissibli li l-istabbiliment in kwistjoni kien ffrekwentat għal skopijiet immorali. Dan pero` mingħajr ma analiżżat x`jikkostitwixxi atti immorali.

Illi fil-każ in diżamina ma hemm l-ebda dubju li t-tfajliet instabu mill-Pulizija jagħmlu *pole u lap dancing* mal-klijenti irġiel kif stqarr l-appellat stess fl-istqarrija esebita. Fir-rapport bl-isem "Profitable Exploits Lap Dancing in the UK"[6] huwa spjegat illi *lap dancing* jirreferi ghal kull tip ta' żfin erotiku bħal żfin fuq imwejjed jew ma' arbli. Ir-rapport jgħid li *lap dancing* jista' jkun ukoll "couch dancing and tailing with the dancer standing over a customer set on a couch hanging her breasts over him. The US version of lap dancing requires the woman to straddle the man's lap and rub against him. A variation involves the woman dancing between the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her thighs are rubbing the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her thighs are rubbing the customer's genitals as she moves." Fl-istess rapport *pole dancing* hu deskrit bħala "a cabaret performance in the main club area and is the element most commonly used in TV and film representation".

Illi l-appellat stqarr fl-istqarrija li t-tfajliet kienu impjegati biex jagħmlu kemm *lap dancing* kif ukoll *pole dancing,* kif fil-fatt raw l-uffiċjali tal-Pulizija stess meta daħlu fl-istabbiliment. Jgħid ukoll a fol. 42 tal-proċess li ż-żeffiena jiżfnu stil cabaret u *lap dancing*. A fol. 43, l-appellat jiddeskrivi l-kuntatt fiżiku u sesswali li t-tfajliet ikollhom mal-klijentela tal-post: "it-tfajliet peress li jiżfnu fuq il-koxxa direttament ikun qegħdin immissuhom".

[6] *www.rapecrisisscotland.org.uk*

A fol. 44, l-istess Camilleri jgħid li t-tfajliet kollha huma *lap dancers* u *pole dancers* u li t-tfajliet joqgħodu bit-tanga biss meta jagħmlu *l-lap dance*.

Illi Francesco Carfora fid-*Digesto Italiano* jgħid illi "atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine". Minn dan joħrog ċar li atti ta` libidine huma dawk l-atti kollha 'diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza'[7]. "The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act"[8].

Illi meta raġel iħallas għal *lap dance*, il-konsegwenza unika u loġika hi li dan jottjeni xi forma ta' gratifikazzjoni ta' natura sesswali.

Illi għalhekk l-esponent jgħid li dan it-tip ta' żfin jammonta għal att libidinuż u żieni, kif ukoll immorali għal-finijiet tal-Kap 63 tal-Liġijiet ta` Malta.

Illi "it is not necessary (to prove) that there should be evidence of any indecency or disorderly conduct being perceptible from the exterior of the house[9]" sabiex l-istabbiliment jigi kkonsidrat li qed jintuża għal skopijiet immorali.

Ġie sostnut illi meta jkun qed jiġi ikkonsidrat jekk individwu huwiex ħati li żamm jew mexxa jew qasam ma' oħrajn fit-tmexxja ta' stabbiliment għal skopijiet immorali anke "where a porter was employed to look after [such premises] it was held that he could be convicted of being wilfully a party to the continued use of the premises or part thereof"[10].

---

[7] Manzini, V., op.cit.p359

[8] The Police v. Thomas Wiffen, 8th January 1996, Court of Criminal Appeal, per V. De Gaetano J.

[9] R. v. Rice and Wilton (1866) L.R. 1 C.C.R. 21; J'Anson v. Stuart (1787) 1 T.R. 748 "Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice", 1998, Sweet & Maxwell, UK

[10] Durose v. Wilson (1907) 71 J.P. 263 "Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice", 1998, Sweet & Maxwell, UK

Illi fil-kaz in ezami l-appellat huwa saħansitra d-direttur tal-kumpanija u l-amministratur ta` l-istabbiliment *Secrets* u ċertament huwa meqjus fil-Liġi li żamm jew eżerċita, ħalla jew ippermetta, u amministra tali stabbiliment, hekk kif ġie akkużat li għamel taħt l-ewwel tlett imputazzjonijiet. Inoltre, ma kienx liċenzjat mill-MTA biex jopera tali stabbiliment hekk kif joħroġ mill-provi a fol. 22 tal-proċess.

Illi l-esponent bir-rispett kollu jissottometti illi:

a. il-*lap dance* u l-*pole dance* jammontaw għal atti libidinużi quddiem il-liġi;
b. kull minn żamm, mexxa, ippermetta jew amministra stabbiliment li jippermetti li fih isiru atti libidinużi, għandu jinstab ħati ta' ksur tal-liġi penali; u
c. persuna li ma tkunx illiċenzjata mill-MTA biex iżżomm, tmexxi, jew tamministra stabbiliment għanda tinstab ħatja ta' ksur tal-A.L. 128/2002.

**(iii)** Illi fl-aħħarnett, l-esponent jirrileva wkoll li minn qari tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet erronjament l-eċċezzjoni tad-Difiża li l-aħħar żewġ imputazzjonijiet dwar l-impjieg kienu preskritti. Fl-14 ta' Novembru 2008, l- uffiċjal prosekutur, talab żjieda fl-akkużi u l-Qorti awtorriżżat tali żjieda (vide fol. 26). Il-prosekuzzjoni preżentat l-akkużi kif miżjuda dak inhar stess. Għalhekk, għal dawn ir-reati punnibli b'multa ma jirriżultax li kien hemm l-iskadenza ta' sentejn. L-imputat appellat ttela' quddiem l-ewwel Qorti fit-18 ta' Novembru 2006 u l-akkużi l-ġodda ġew preżentati fl-14 ta' Novembru 2008: ċertament l-iskadenza ta' sentejn ma tirriżultax!

L-esponent bir-rispett jissottometti li Camilleri kien ġab l-*work permits* għal tlieta mit-tfajliet: Sarok, Hradilova u Palinkas, imma ma kellux permess għal Mrozkova (fol. 30, 33 xhieda ta' Jennifer Debono). Apparti dan, il-kumpanija RTVM Co. Ltd mmexxija mid-direttur appellat Donald Camilleri naqset milli tinnotifika lil ETC li dawn l-erba' żeffiena kienu qed jaħdmu magħha fl-istabbiliment *Secrets* (vide fol. 30 u 31 tal-proċess). Għaldaqsant l-appellat Camilleri kellu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet li jikkonċernaw l-impjieg.

Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz jidhru illi huma pacifici bejn il-partijiet. Fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u sitta (2006) il-pulizija mmexxija mis-Supretendent Antonello Grech ghamlet spezzjoni fil-fond maghruf bhala Secrets Nightclub f'Paceville u hemmhekk instabu erba' (4) lap u pole dancers – tnejn Ungerizi, Monica Eva Palonka u Lina Sarok, u tnejn Ceki, Yana Radislova u Yana Rostakova. Wahda miz-zeffiena nstabet tizfen ma' pole fuq stage bil-qalziet ta' taht tat-tip tanga u bi bra, ohra kienet tizfen lap dance ghal ragel fi cubicle esposta ghall-pubbliku ghax il-cubicle kienet maghluqa biss b'purtiera trasparenti. It-tielet tfalja kienet liebsa trasparenti nstabet bilqieghda bejn zewgt irgiel u t-tielet wahda li kienet liebsa qalziet ta' taht tat-tip tanga u bra kienet wara l-bar. Meta raw dan il-pulizija staqsew min kien responsabbli tal-post u l-appellat Donald Camilleri identifika ruhu bhala l-persuna li jmexxi l-klabb. Ikkonferma dan aktar tard l-istess gurnata meta irrilaxxa stqarrija lill-pulizija. In-nisa stqarrew mal-pulizija illi xoghlhom hu lap pole dancing, ghandhom il-paga minima però jiehdu commission ta' hamsin centezmu (50c) ghal kull drink illi jiehu klijent u ghal kull zfin illi jaghmlu jithallsu hames lira Maltin (Lm5) extra f'tokens imsarrfa mal-bar. Mill-investigazzjoni irrizulta illi t-tlett tfajliet Sarok, Radilova u Palinkas kellhom work permits izda Mrozkova ma kellhiex. Barra minn hekk il-kumpanija RTVM illi kienet tmexxi dan il-klabb ma innotifikatx lill-ETC illi dawn l-erba' zeffiena kienu qieghdin jahdmu f'dan il-klabb. Konsegwentement inbdew il-proceduri fil-konfront tal-appellat Donald Camilleri fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tal-elfejn u sitta (2006).

Fil-kors tas-smigh tax-xhieda, fl-erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008) il-Prosekuzzjoni talbet zieda fl-akkuza sabiex jizdiedu akkuzi ta' reati in konnessjoni ma' regolamenti dwar l-impjieg. Id-Difiza ma oggezzjonatx ghal din iz-zieda però talbet illi tkun notifikata mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta. Il-Qorti laqghet it-talbiet fis-sens illi ordnat iz-zieda u ordnat ukoll in-notifika. Il-Prosekuzzjoni dahhlet l-akkuza kif emendata dakinhar stess però ma hemm l-ebda prova tan-notifika hlief

verbal tat-tlieta (3) ta' Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010) fejn gie dikjarat illi l-appellat Camilleri gie notifikat bl-akkuza kif korretta (ara fol 46).

Sussegwentement versu l-gheluq tal-kawza f'dak l-istadju d-Difiza qajjmet eccezzjoni ta' preskrizzjoni in konnessjoni mal-akkuza mizjuda dwar ir-regolamenti tal-impjieg. Il-Qorti tat is-sentenza taghha fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 97) fejn laqghet it-talba tad-Difiza ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni u iddikjarat dik l-akkuza bhala preskritta. Inoltre ghaddiet biex tiskarta l-istqarrija peress illi skont il-gurisprudenza sa dakinhar li nghatat is-sentenza la l-appellat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatarju tieghu, allura l-Qorti setghet tinjora dik l-istqarrija. Di più darba giet imwarrba l-istqarrija l-Qorti kompliet tghid illi ma kien hemm l-ebda ness bejn l-appellat u l-kumpanija RTVM u konsegwentement illiberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi bid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll interpretat u applikat il-ligi zbaljata. Argumenta l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt twarrab l-istqarrija peress illi din inghatat skont il-ligi vigenti dak il-hin u ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-ligi in vista ukoll ta' dak li nghata sussegwentement fil-kawza kostituzzjonali "Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali" deciza fit-8 ta' Ottubru 2012. Argumenta ukoll illi darba tigi accettata l-istqarrija jirrizulta car in-ness bejn l-appellat u l-kumpanija li huwa jirrapprezenta RDVM Company Limited kif ukoll l-ammissjoni ta' responsabiltà tieghu tal-fond kemm quddiem il-pulizija dakinhar li saret l-ispezzjoni kif ukoll fl-istqarrija u t-tielet fil-meritu dak it-tip ta' zfin u lbies illi kienu lebsin dawn in-nisa jikkostitwixxi atti libidinuzi u ghalhekk kollhom ikunu censurabbli fil-kuntest tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment dik tal-istqarrija, kif tajjeb osserva l-istess Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu s-sentenza ta' Charles Stephen Muscat inghatat wara dik tal-Qorti tal-Magistrati illi taghha qed isir dan l-appell. Ghalhekk, din il-Qorti zgur illi mhiex sejra ticcensura 'l-ewwel Qorti ghal mod kif irragunat f'dak l-istadju peress illi dak kien jirrifletti l-gurisprudenza u l-hsieb akkademiku li kien ezistenti sa dakinhar li nghatat is-sentenza. Sussegwentement, però, saru zviluppi ohra fejn il-kwistjoni giet determinata mill-gdid fil-kawzi kostituzzjonali "Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali" deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, mill-Prim'Awla, sede Kostituzzjonali "John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali" fil-31 ta' Ottubru 2012, mill-Appell Kriminali (Ghawdex) "Il-Pulizija versus Paul Cutajar" tat-8 ta' Gunju 2013 u ricentement minn din il-Qorti stess kif ippreseduta "Il-Pulizija kontra Ninian Mangion" tal-10 ta' Lulju 2014. Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex taghmel riferenza ghal dawn is-sentenzi u a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel pjena riferenza, izda in succint tghid biss illi ghal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet moghtija qabel ma dahlet fil-ligi l-emenda tal-10 ta' Frar 2010 fejn tat dritt ta' kull indagat illi jkun assistit minn avukat fil-bidunett tal-arrest tieghu, tirrileva li ghandha taghmel il-Qorti huwa biex tara jekk l-istqarrija hijiex ikkorroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat seta' kien persuna vulnerabbli, facilment impressjonat jew influwenzat mill-fatt li kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija. Ma hemm l-ebda kriterju fiss ghall-vulnerabiltà ta' persuna izda kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Hawnhekk l-appellat kellu tmienja u ghoxrin (28) sena meta gie interrogat mill-pulizija. Dawn spjegawlu d-drittijiet tieghu, l-appellat jidher illi fehem dawn id-drittijiet, kien persuna matura u ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tissuspetta illi seta' ma fehemx dak illi kienu qed jghidulu l-investigaturi. Di più, dak illi qal l-appellat huwa korroborat minn provi ohra illi gabet il-Prosekuzzjoni, kemm dak illi raw il-pulizija waqt l-ispezzjoni kif ukoll mix-xhieda tat-tfajliet u persuni ohra illi kienu prezenti.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' l-aggravju tal-Avukat Generali ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija u tiddikjara illi l-istqarrija ghandha taghmel parti mill-assjem tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Dan stabbilit, il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju tal-preskrizzjoni mqajjem mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Mhuwiex kontestat illi meta l-Prosekuzzjoni talbet zieda fl-akkuza fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u tmienja (2008) din kienet anqas minn sentejn minn meta bdew il-proceduri kontra l-appellat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tal-elfejn u sitta (2006). Però hija n-notifika li tghodd u mhux it-talba taz-zieda. Fil-fatt, minkejja illi d-Difiza ma sabitx oggezzjoni ghal din iz-zieda, talbet illi ssir notifika gdida u il-Qorti laqghet din it-talba hu hekk sar. Però ma hemm l-ebda prova ta' din in-notifika hlief il-verbal tat-tlieta (3) ta' Marzu elfejn u ghaxra (2010) fejn l-appellat qieghed jiddikjara illi huwa gie notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Fin-nuqqas ta' prova ohra, kwindi, din il-Qorti sejra tiehu din id-data tat-tlieta (3) ta' Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010) bhala d-data tan-notifika tac-citazzjoni kif korretta. U hawnhekk il-Qorti taqbel mal-argumenti tal-ewwel Qorti fejn iddikjarat illi ghal dak li jirrigwarda l-akkuza kontra regolamenti tal-impjieg din tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn bejn it-talba ghal zieda u n-notifika tal-appellat. Kwindi, ma hemm xejn x'jinghad aktar dwar din l-akkuza u l-Qorti filwaqt illi taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti tichad l-aggravju tal-Avukat Generali u tiddikjara l-akkuza mizjuda fl-erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008) bhala preskritta.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi l-mod kif kienu lebsin dawn it-tfajliet u l-mod ta' zfin taghhom f'dak l-ambjent kien jikkostitwixxi atti *di libidine* u ghalhekk iridu jkunu censurabbli u l-appellat bhala l-

persuna responsabbli ta' dak l-istabiliment kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ilbies mhuwiex kontestat illi zgur illi t-tfajliet kellhom mill-anqas tanga u bra. X'uhud minnhom kellhom ukoll libsa trasparenti jew skullata fuq dak il-hwejjeg. Kienu qieghdin jizfnu quddiem il-klijenti taghhom jew ma' pole jew inkella fuq mejda. Ohra kienet semplicement bilqieghda bejn zewgt irgiel fuq sufan u ohra kienet kienet mal-bar isservi xi drinks. Meta raw dik ix-xena quddiemhom il-pulizija deherilhom illi kellhom jixlu lill-appellat biz-zamma ta' burdell ghal skop ta' prostituzzjoni, ippermetta li jigi uzat lok ghal skop ta' prostituzzjoni u aktar talli halla l-post jintuza ghal ghemil kontra l-ligi jew il-moralità pubbliku bi ksur tal-artikolu 7 tal-Avviz Legali 128/2002.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad, illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett akkuzi in konnessjoni ma' prostituzzjoni, ma rrizulta l-ebda dell ta' prova illi b'xi mod jista' jwassal ghal konkluzjoni ta' reatà dwar dawn it-tlett akkuzi. Fil-fatt, l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu ma ghamel l-ebda accenn ghal dawn l-ewwel tlett akkuzi u ikkoncentra l-aktar fuq il-kwistjoni tal-istqarrija, il-preskrizzjoni u l-meritu fis-sens illi dak kien ghemil kontra l-ligi jew il-moralità pubblika. Ghalhekk il-Qorti sejra twarrab dawn it-tlett imputazzjonijiet u tiddikjara lill-appellat bhala mhux hati taghhom u tghaddi biex tikkonsidra r-raba' akkuza, dik illi bhala operatur ta' attività turistika halla l-post jintuza kontra l-ligi jew il-moralità pubblika.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hi jekk lap dancing jew pole dancing humiex atti immorali fis-sens tal-ligi u jekk dawn l-atti go dak l-istabiliment partikolari jistax jitqies bhala post pubbliku.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi dawn it-tfajliet kienu qieghdin jizfnu u prezenti fl-istabiliment maghruf bhala *Secrets* fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar. Dan huwa nightclub miftuh ghall-pubbliku illi kontra pagament ikunu jistghu jaccedu f'dan il-fond ghad-divertiment taghhom. Darba gewwa l-fond, ma kien hemm xejn imwarrab jew appartat, kollox kien qieghed isir bil-miftuh jew inkella wara purtiera trasparenti. Ghalhekk l-element illi l-atti kienu qed isiru fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku jista' jigi meqjus bhala pruvat. Il-kwistjoni l-ohra, però, hija aktar komplikata u mhuwiex daqshekk facli li l-Qorti tiddetermina x'seta' kien moralment accettabbli jew ma kienx f'dak il-kuntest tal-post fejn l-atti kienu qieghdin isiru. Il-pulizija illi marru jaghmlu l-ispezzjoni deherilhom illi dak illi raw quddiemhom seta' jitqies bhala att immorali fis-sens tal-ligi. Evidentement ghan-nies illi kienu prezenti f'dak il-lokal, dan ma kienx. Dawn in-nies kienu prezenti volontarjament u kienu persuni adulti illi setghu jiehdu d-decizjoni maturata jidhlux jew ma jidhlux f'dak l-istabiliment. Di più t-tfajliet kienu adulti u ma hemm l-ebda prova illi dawn gew b'xi mod sfurzati jew influwenzati biex huma jaghmlu dawk l-atti illi sussegwentement irrizulta illi ghamlu. Ghalhekk din hija kwistjoni soggettiva illi tiddependi hafna mill-persuna illi jkun dak il-hin qieghed jara dawn l-atti jsiru quddiemu. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza fit-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Lorraine Falzon" fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet, wara illi irriferiet ghall-kawza "Il-Pulizija versus Christine

Adams" (1962) qalet, "Minn dak iz-zmien, il-Qorti qalet, ghaddew diversi snin u certi kuncetti ta' x'inhu ilbies xieraq u mhuwiex komplew jevolvu jew jiddeterjoraw skont kif wiehed ihares lejn din il-kwistjoni. Il-Qorti kompliet u affermat illi tkun xi tkun il-fhema tal-gudikant individwali, fl-assenza ta' dispozizzjoni cara u tonda x'jista' jew x'ma jistax jintlibes, il-kwistjoni se tibqa' wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta' post u hin u cirkostanzi, tiddependi mill-*forma mentis* ossija l-make-up psikologiku morali u l-ottika tal-gudikant partikolari – ikun hemm kazijiet ta' ilbies mhux xieraq ovvja ghal xi uhud u anqas ovvji ghal ohrajn."

Ghalhekk dak illi raw il-pulizija dakinhar tal-ispezzjoni illi deherilhom illi kien kontra l-morali f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku mhux necessarjament huwa immorali ghal persuni ohrajn b'make-up psikologiku jew trobbija differenti. Illum il-prezenza ta' tfajliet pole dancing u lap dancing hija komuni hafna f'pajjizna u jinsab imferrex sew f'diversi nightclubs illi joffru dan is-servizz. Di più anke l-ilbies skars tat-tfajliet b'tanga u bra ukoll accettabbli u accessibbli ghal kulhadd kemm fuq il-mezz tat-televizjoni kif ukoll fuq mezzi elettronici. Wasalna fl-istat fejn is-socjetà taghna m'ghadhiex aktar thares b'certa stmerrija lejn dawn l-attivitajiet. Hekk qalet il-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Ottubru 2010 "Police versus Luciana Loredana Secan" fejn il-Qorti qalet, "The Court is of the opinion that when such acts are performed by consenting adults and in cases where there is no exploitation or abuse, then such acts should not be illegal." L-istess f'kawza aktar ricenti deciza ukoll mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Mejju 2013 "Il-Pulizija kontra Rebecca Camilleri" et fejn dik il-Qorti anzi qalet illi l-fatt illi deher is-sider tal-persuna li kienet qieghda tizfen, wahdu, minghajr cirkostanzi ohra idonei bhala wiehed illi jaghti skandlu indipendentement minn jekk hux fatt accettabbli jew le, dik il-Qorti kienet tal-fehma illi l-ghemil mhuwiex fl-estrem att vulgarju pastaz jew li joffendi d-dicenza. F'dan il-kaz terga' m'ghandniex dawn l-estremi peress illi hadd ma allega illi dawn it-tfajliet f'xi hin esponew sidirhom ghall-pubbliku illi kien hemm prezenti fl-istabiliment.

Ghalhekk fid-dawl ta′ dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi l-ghemil ta′ dawk it-tfajliet kien kontra l-ligi jew immoralità pubblika u l-appellat ma jistax jinstab hati tar-raba′ akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------